**SILLABU MI (2027)**

| | |
|---|---|
| **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ** | **MI 28** |
| **IS-SILLABU** | |

| **It-Tagħlim Reliġjuż MI 28** | (Tingħata wkoll f'Settembru) |
|---|---|
| **Is-Sillabu** | Karta Waħda (3 sigħat) |

**Għanijiet**

L-Għarfien Reliġjuż fil-livell Intermedju għandu bħala għanijiet li jagħti ħarsa wiesgħa kemm jista' jkunfuq it-Tradizzjoni Kattolika f'dinja fejn l-ekumeniżmu u l-pluraliżmu reliġjuż huma fenomenu importan ti.Dan jagħmlu billi :

(i) Isegwi kif żviluppaw tul is-sekli t-twemmin u l-prattika tal-Kristjaneżmu Kattoliku;
(ii) Jgħin lill-istudenti jinvestigaw u jifhmu ir-relevanza tal-fidi Kattolika għall-kwistjonijiet li jmissu l-verita' u t-tifsira tal-ħajja;
(iii) Jgħin lill -istudenti jiżviluppaw sewwa ir-riflessjoni, id-dixxerniment u l-ħsieb kritiku fid-dawl tal-Evanġelju u l-prinċipji tal-moralita' Kattolika;
(iv) Iwassal lill-istudenti għal laqgħa personali fil-kuntest tal-ħajja sagramentali, liturġika u ta' talb tal-Knisja u jinkoraġixxi l-impenn personali fil-qadi tal-komunita'.

**Objettivi ta' l-Eżami:**

L-Eżami jieħu f'kunsiderazzjoni dan li ġej:

(i) L-għarfien u l-fehma ta' aspetti importanti tal-fidi Nisranija Kattolika, inkluż għarfien ta' Tradizzjonijiet Insara oħra u ta' Reliġjonijiet oħra;
(ii) Il-mod kif l-istudenti jistgħu juru għarfien iktar wiesgħa u fil -fond, speċjalment jekk juru kapaċita' ta' riflessjoni kritika u ta' morali raġunata;
(iii) Għafien minn naħa tal-istudenti ta' modi differenti kif ipoġġu fil-prattika it-twemmin, il-valuri u l-attitudnijiet tagħhom;
(iv) L-użu u l-interpretazzjoni appropriata tal-vokabularju u l-kunċetti reliġjużi, kif ukoll ir -referenzi għall-Bibbja u d-Dokumenti tal-Knisja.

**L-iskema tal-Marki :**

L-Eżami ikun magħmul minn karta waħda ta' tlett siegħat. Sezzjoni A tkun obbligatorja u tkun magħmula minn għaxar (10) mistoqsijiet li kull waħda titlob tweġiba f'forma ta' paragrafu. Sezzjoni B tkun magħmula minn ħames (5) mistoqsijiet li minnhom l-istudenti jkunu mitluba jwieġbu f'iktar dettal tlieta.
F'Sezzjoni A kull mistoqsija jkollha 4 marki (total ta' 40 marka) waqt li f'Sezzjoni B kull mistoqsija jkollha 20 marka (total ta' 60 marka). L-iskema tal-Marki, waqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-Objettivi ta' l-Eżami imsemmija hawn fuq, tikkunsidra wkoll dan li ġej :

(i) L-użu tajjeb tal-evidenza u l-eżempji li jissemmew fil-mod kif wieħed jibni argument;

(ii) Tweġiba iffukata u raġunata b'mod tajjeb għall -kwistjonijiet li jkun qed jiġu trattati;

(iii) L-organizzazzjoni b'mod ċar u ko-erenti tal-materjal li jkun qed jiġi ppresentat;

(iv) Il-mod leġibbli u preċiż fl -użu tat-terminoloġija reliġjuża.

1. L-Istqarrija tal-Fidi

   a. "Jiena nemmen" – "Aħna nemmnu"

      i. L-għarfien ta' Alla : ir-Raġuni u r-Rivelazzjoni

      ii. Il-Fidi u l-karatteristiċi tagħha

b. "Nemmen f'Alla l-Missier"

i. Li jista' kollox

ii. Li ħalaq is-sema u l-art

iii. Il-Verita' u l-Imħabba

iv. Li ħalaq l-umanita' xbieha tiegħu

c. "Nemmen f'Ġesu' Kristu, l-Iben ta' Alla"

i. Il-Misteru tal-Inkarnazzjoni

ii. Il-Misteri tal-ħajja ta' Kristu

iii. Il-Misteru tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu

d. "Nemmen fl-Ispirtu s-Santu"

i. Il-Missjoni tal-Ispirtu s-Santu

ii. Titli u simboli

iii. Id-doni tal-Ispirtu s-Santu

e. "Nemmen fil-Knisja qaddisa u kattolika"

i. Il-bidu, it-twaqqif u l-missjoni tal-Knisja

ii. Xbiehat bibliċi tal-Knisja

iii. L-Erba' marki tal-Knisja

iv. Ir-rwoli fil-Knisja

f. "Nemmen fil-qawmien mill-imwiet u fil-ħajja ta' dejjem"

i. Il-qawmien mill-mewt

ii. In-Novissmi

2. Iċ-Ċelebrazzjoni tal-misteru tal-ħajja Nisranija

a. Il-Liturġija

i. Il-Liturġija u t-Trinita' qaddisa

ii. Is-Sena liturġika

b. Is-Sagramenti

i. Is-Sagramenti tal-Bidu tal-ħajja Nisranija (Magħmudija, Konfirmazzjoni, Ewkaristija)

ii. Is-Sagramenti tal-fejqan (Rikonċiljazzjoni, Dilka tal-Morda)

iii. Is-Sagramenti tal-qadi tal-komunjoni (Ordni Sagri, Żwieġ)

3. Il-Moralitá nisranija

   a. Id-dinjita’ tal-persuna tal-bniedem

      i. Il-vokazzjoni għall-qdusija
      ii. Il-liberta’ tal-bniedem u l-għażla morali
      iii. Il-Virtujiet umani u teoloġiċi
      iv. Id-Dnub

   b. Il-komunita’ tal-bnedmin

      i. Il-persuna u s-soċjeta’
      ii. Parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali
      iii. Il-ġustizzja soċjali

   c. L-Għejjun tal-verita’ morali

      i. Il-liġi morali naturali
      ii. Il-liġi l-qadima u l-liġi l-ġdida
      iii. Il-liġi tal-knisja

   d. Id-Dekalogu

      i. Ġieħ lil Alla (l-ewwel tlett kmandamenti)
      ii. Rispett fil-familja (ir-Raba kmandament)
      iii. Rispett lejn il-Ħajja (il-Ħames kmandament)
      iv. Rispett lejn is-Sesswalita’ (is-Sitt u d-Disgħa kmandamenti)
      v. Rispett għall-propjeta’ (is-Seba’ u l-Għaxar kmandamenti)
      vi. Rispett għall-Verita’ (it-Tmien kmandament)

4. It-Talb

   a. Il-Forom ta’ Talb

      i. Talb ta’ barka u adorazzjoni
      ii. Talb ta’ petizzjoni
      iii. Talb ta’ interċessjoni
      iv. Talb ta’ ringrazzjament
      v. Talb ta’ tifħir

b. Espressjonijiet differenti ta' talb

   i. Talb vokali

   ii. Meditazzjoni

   iii. Kontemplazzjoni

   iv. Talb bl-Iskrittura

c. Il-Missierna

   i. "Missierna li inti fis-smewwiet..."

   ii. "Agħtina llum..."

**Testi għar-referenza :**

Singer-Towns Brian et al, the Catholic Faith. Handbook for Youth, Second Edition, Saint Mary's Press, Winona MN, 2008. ISBN 978-0-88489-987-7 or ISBN 978-0-88489-988-4
Compendium of the Catechism of the Catholic Church, Libreria Editrice vaticana, 2005. ISBN 1-85390- 998-X jew 1-57455-720-3 (jinsab ukoll online www.vatican.va; Hu anke tradott bil-Malti : Katekiżmu tal- Knisja Kattolika. Kompendju, Outlook Coop, Malta 2005. ISBN 99932-49-32-7.